# Inventarju ta' l-Imgħoddi tal-Knisja Parrokkjali

**kitba ta' Lorenzo Zahra**

Illum nitkellmuu fuq wieħed mill-eqdem inventarji tal-knisja parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Nifhmu li jista' jkun fost dawk tal-bidu, almenu li wieħed jista' jiltaqa' magħhom fit-tiftix. Huwa dokument ta' importanza għaliex jurina li l-knisja ta' San Nikola diġà kienet mgħammra b'tant bżonnijiet.

Kitbiet bħal dawn kienu dejjem meħtieġa, tant li nistgħu ngħidu li l-inventarji għadhom jeżistu sal-lum f'kull istituzzjoni li jkollha tant oġġetti ta' interess.

Kien għalhekk li minn żmien għal żmien fl-imgħoddi kienu jsiru listi ta' kull ma kienet tippossiedi l-knisja, biex dawn ikunu jistgħu jgħaddu minn id għall-oħra.

Għalhekk hawn se nitkellmu fil-qosor dwar l-inventarju tas-sena 1693. Dak iż-żmien il-parroċċa kellha diġà oġġetti tal-fidda, tant li f'ras il-lista wieħed jiltaqa' ma' dawk l-oġġetti tani prezzjużi bħal-lampier, ċensier, aspersorju, sfera u tliet kalċijiet bil-pateni magħhom. Ma' dawn kien hemm ukoll is-salib tal-kleru bil-kurċifiss. Kien hemm ukoll važi tal-fidda għaż-żjut imqaddsa diversi.



Ritratt Ray Sant

Wieħed mill-konfessjonarji.

Ma jonqosx li kien hemm ukoll diversi oġġetti oħra tar-ram isfar, fosthom lampieri u oġġetti oħra. Dawn f'dawk iż-żminijiet kienu fl-użu l-aktar għal tul is-sena, biex il-fidda tkun riservata għall-festi speċjali. Kien hemm ukoll arloġġ qadim, u forn għax-xogħol ta' l-ostji. Jissemma l-kwadru titulari kbir ta' San Nikola bi gwarniċ iddekorat u żewġ kwadri oħra tas-Salvatur u kwadru ieħor tal-Madonna. Kien hemm tużell għall-espożizzjoni ta' l-Ewkaristija, tabernaklu ta' l-injam indurat u għadd ta' kandlieri indurati bil-fidda.

Jissemmew ukoll fjuretti, karti tal-glorji bil-gwarniċi indurati, u orgni qadim. Il-knisja kollha erba' konfessjonarji, skannell ta' l-injam għall-artal u anke gwardirobba. Diversi ħwejjeġ tal-quddies bħall-pjaneti, tuniċelli ta' kull kulur liturġiku, albi tal-bizzilla, korporali, tvalji bil-bizzilla tad-deheb ta' l-artali kif ukoll tapiti. Il-baldakkin kien tad-damask. Imbagħad jissemmew ukoll il-kotba liturġiċi bħal sitt messali u tliet ġonti, kif kienu magħrufa l-messalli tal-quddiesa tal-mejtin. Il-Knisja kellha wkoll tlieta tal-Passju li jintużaw fil-Ġimgħa l-Kbira.

Fl-aħħar irrid insemmi li diġà teżisti statwa antika ta' San Nikola liebes ilbies pontifikali. Hawn nitħasseb jekk l-istatwa kinitx manekin imlibbes kif kienet fl-użu fl-eqdem statwi tagħna.

Nifhem li b'dan l-artiklu qasir ikun ta' interess biex wieħed jagħraf il-ġrajjiet ta' l-imgħoddi tal-parroċċa ta' San Nikola.



Ritratt Ray Sant

Lampier li jintrama fil-korsija tal-knisja.

(ref. Ark S. Laurenti – AAM)